MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 180/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Mercieca]**

**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Daniel Callus**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Daniel Callus detentur tal-karta tal-identita' numru 220391(M).

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar, 2013, ghall-habta tas-2.45 ta' wara nofsinhar, gewwa il-hanut Al Madina Cach & Carry fi Triq Parisio, kantuniera ma' Triq il-Kurunell Savona, u barra l-istess hanut fi Triq il-Kurunell Savona, Sliema:

1. ikkommetta serq ta' pakkett spaghetti Barilla mill-istess hanut, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, u li sar ghad-dannu ta' Farag Abou Dhab u/jew ta' xi persuna/I w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Minghar il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mohammed Sulaiman Saleh f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess persuna, jew li gibilha disordni f'mohhha, liema offiza hija ta' natura gravi peress li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz, ai termini tal-Artiklu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (mizjuda) u liema offiza giet maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez;
3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

4. Volontarjament, kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Iktar, talli nhar it-22 ta' Frar, 2013, ghall-habta tas-2.45 ta' wara nofsinhar, u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew f'xi hin wara d-data w hin imsemmija, fl-istess hanut, f'Tas-Sliema, fil-Gzira u/jew f'xi nhawi ohra ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

5. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Minn gewwa il-hanut Al Madina Cach & Carry fi Triq Parisio kantuniera ma' Triq il-Kurunell Savona, Sliema, ikkommetta serq ta' diversi oggetti;

6A (mizjuda wara l-prezentata): Iktar, akkuzat ukoll, talli nhar l-24 ta' Frar, 2012, ghall-habta ta' 12.30pm, gewwa Awla nru 14, fl-edificcju tal-Qorti fi Triq ir-Repubblika, Valletta ingurja lil PC 550, George Zammit, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; u

7. Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D., nhar is-27 ta' Jannar, 2010.

Rat l-ezam tal-imputat u l-provi migjuba;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, fis-seduta tal-lum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 214, 215, 218(1)(b), 261, 262(1)(b)(2), 274(a), 338(dd), 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijeit ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat Daniel

Callus hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kntrih, u ghall-akkuza wiehed, tnejn, tlieta, erbgha u sitta kif dedotti kontrih qed tikkundannah ghal perjodu ta’ probation order taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal tlett (3) snin, ghall-akkuza hamsa kif dedotta kontrih tikkundannah multa ta’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro (€123), filwaqt illi ghall-akkuza 6A tikkundannah ghal multa ta’ mitejn Ewro (€200) flimkien mal-konfiska tas-sikkina (mus) esebita f’dawn l-atti.

Il-Qorti ukoll qed tikkundanna lill-imputat li jhallas l-ispejjez peritali tal-inkjesta u dan skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-ammont ta’ erba’ mija u dsatax-il Ewro u sebgha u disghin centezmu (€419.97) b’sena (1) zmien sabiex ihallas l-istess ammont. Fin-nuqqas ta’ hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f’habs skont il-ligi.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------